| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI PROPOSTI MILL-PARLAMENT |
| --- | --- |
| | ***L-Istat Membru li ta protezzjoni internazzjonali għandu jwieġeb bil-miktub lill-Istat li qed jagħmel it-talba fi żmien massimu ta' xahar. Id-deċiżjoni ta' tkeċċija ma tistax tittieħed għajr wara t-tweġiba tal-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni internazzjonali.*** |
| Sakemm *fil-frattemp* ma *kinitx* irtirata l-protezzjoni internazzjonali, ir-resident fit-tul ***għandu*** jitkeċċa lejn dan l-Istat Membru li għandu jdaħħal lura immedjatament mingħajr formalitajiet lir-resident fit-tul u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha. | Sakemm *sadanittant* ma *tkunx ġiet* irtirata l-protezzjoni internazzjonali, ***b'rispett għall-prinċipju ta' non-refoulement***, ir-resident fit-tul ***jista'*** jitkeċċa ***biss*** lejn dan l-Istat Membru li għandu jdaħħal lura immedjatament mingħajr formalitajiet lir-resident fit-tul u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha. |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva — att li jemenda**
**Artikolu 1 — punt 8**
*Direttiva 2003/109/KE*
*Artikolu 25 — subparagrafu 1 a (ġdid)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI PROPOSTI MILL-PARLAMENT |
| --- | --- |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-lista tal-punti ta' kuntatt, taġġornaha regolarment u tibgħatha lill-Istati Membri.*** |

## Id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali I

P6_TA(2008)0170

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-ftehim interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali (COM(2008)0152 — C6-0148/2008 — 2008/2083(ACI))**

(2009/C 259 E/28)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0152),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda ([1]), u b'mod partikolari l-punt 48 tagħha,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0157/2008),

1. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma d-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jibgħat din ir-riżoluzzjoni, inkluż l-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1. Ftehima kif emendata bid-Deċiżjoni 2008/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 6, 10.1.2008, p. 7).

ANNESS I

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL TAD-29 TA' APRIL 2008 LI TEMENDA L-FTEHIM INTERISTITUZZJONALI TAS-17 TA' MEJJU 2006 DWAR ID-DIXXIPLINA BAĠITARJA U L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA SODA FIR-RIGWARD TAL-QAFAS FINANZJARJU PLURIJENNALI

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda ([1]), u b'mod partikulari l-punt 48 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Bħala riżultat tad-dewmien fl-adozzjoni ta' xi programmi operattivi tal-intestaturi 1b u 2, EUR 2 034 miljun tal-allokazzjoni prevista fil-Fondi Strutturali, għall-Fond ta' Koeżjoni, tal-Iżvilupp Rurali u għall-Fond Ewropew għas-Sajd ma setgħux jiġu impenjati fis-sena 2007 u lanqas jiġu trasferiti għas-sena 2008. Taħt il-paragrafu 48 tal-Ftehim Interistituzzjonali, dan l-ammont għandu jiġi trasferit għas-snin finanzjarji ta' wara billi jiżdiedu l-limiti tal-infiq korrispondenti għall-approprijazzjonijiet ta' impenn.

(2) L-Anness I tal-Ftehima Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda għalhekk għandha tiġi emendata ([2]),

KIEN DEĊIŻ KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

L-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda huwa ssostitwit mill-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' April 2008

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1. Ftehima kif emendata bid-Deċiżjoni 2008/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 6, 10.1.2008, p. 7).

([2]) Għal dan l-iskop, iċ-ċifri bil-prezzijiet attwali huma maqluba għall-prezzijiet tal-2004.

*ANNESS II*

QAFAS FINANZJARJU 2007-2013

*(EUR miljuni — prezzijiet kostanti tal-2004)*

| APPROPRIJAZZJONIJIET TA' IMPENN | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | Total 2007-2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1 Tkabbir sostenibbli** | **50 865** | **53 262** | **54 071** | **54 860** | **55 400** | **56 866** | **58 256** | **383 580** |
| 1a Kompetittività għat-Tkabbir u għall-Impjieġ | 8 404 | 9 595 | 10 209 | 11 000 | 11 306 | 12 122 | 12 914 | 75 550 |
| 1b Koeżjoni għat-Tkabbir u għall-Impjieg | 42 461 | 43 667 | 43 862 | 43 860 | 44 094 | 44 744 | 45 342 | 308 030 |
| **2 Preservazzjoni u Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali** | **51 962** | **54 685** | **54 017** | **53 379** | **52 528** | **51 901** | **51 284** | **369 756** |
| li minnhom: infiq relatat mas-suq u ħlasijiet diretti | 43 120 | 42 697 | 42 279 | 41 864 | 41 453 | 41 047 | 40 645 | 293 105 |
| **3 Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja** | **1 199** | **1 258** | **1 380** | **1 503** | **1 645** | **1 797** | **1 988** | **10 770** |
| 3a Libertà, sigurtà u ġustizzja | 600 | 690 | 790 | 910 | 1 050 | 1 200 | 1 390 | 6 630 |
| 3b Ċittadinanza | 599 | 568 | 590 | 593 | 595 | 597 | 598 | 4 140 |
| **4 L-UE bħala parteċipanta globali** | **6 199** | **6 469** | **6 739** | **7 009** | **7 339** | **7 679** | **8 029** | **49 463** |
| **5 Amministrazzjoni** (1) | **6 633** | **6 818** | **6 973** | **7 111** | **7 255** | **7 400** | **7 610** | **49 800** |
| **6 Kumpensazzjonijiet** | **419** | **191** | **190** | | | | | **800** |
| **TOTAL APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN** | **117 277** | **122 683** | **123 370** | **123 862** | **124 167** | **125 643** | **127 167** | **864 169** |
| bħala persentaġġ tal-GNI | 1,08 % | 1,09 % | 1,07 % | 1,05 % | 1,03 % | 1,02 % | 1,01 % | 1,048 % |
| **TOTAL APPROPRJAZZJONIJIET TA' ĦLAS** | **115 142** | **119 805** | **112 182** | **118 549** | **116 178** | **119 659** | **119 161** | **820 676** |
| bħala persentaġġ tal-GNI | 1,06 % | 1,06 % | 0,97 % | 1,00 % | 0,97 % | 0,97 % | 0,95 % | 1,00 % |
| Marġni disponibbli | 0,18 % | 0,18 % | 0,27 % | 0,24 % | 0,27 % | 0,27 % | 0,29 % | 0,24 % |
| Limitu tar-Riżorsi Proprji bħala persentaġġ tal-GNI | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % |

(1) **In-nefqa għall-pensjonijiet inkluża taħt din l-intestatura hija kkalkulata b'mod nett mill-kontribuzzjonijiet tal-istaff għall-iskema rilevanti, fil-limitu ta' EUR 500 miljun bil-prezzijiet tal-2004 għall-perjodu 2007-2013.**